31999D0501

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-1 ta' Lulju 1999
li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006

(notifikata taħt dokument numru K(1999) 1769)

(1999/501/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 7(3) tiegħu,

(1) Billi l-punt 1 ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jiddikjara li l-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għandu l-għan li jtejjeb l-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tar-reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura;

(2) Billi t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistipula li 69,7 % ta' l-approprjazzjonijiet għall-Fondi Strutturali għandhom jiġu allokati lill-Objettiv 1, inkluż 4,3 % taħt l-arranġamenti transizzjonali ta' għajnuna;

(3) Billi l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistipula li l-Kummissjoni għandha tuża proċeduri trasparenti sabiex tagħmel analiżi indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli għall-ipprogrammar fl-2000 sa 2006 filwaqt li tingħata l-attenzjoni kollha meħtieġa, għall-Objettivi 1 u 2, ta' kriterju oġġettiv wieħed jew aktar simili għal dawk applikati matul il-perjodu preċedenti kopert bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 ta' l-24 ta' Ġunju 1988 dwar ix-xogħlijiet tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinament ta' l-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-ħidmiet tal-Bank Ewropew ta' Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3193/94 [3], b'mod partikolari: il-popolazzjoni eliġibbli, il-prosperità reġjonali, il-prosperità nazzjonali u s-severità relattiva tal-problemi strutturali, speċjalment il-livell tal-qgħad;

(4) Billi t-tielet subparagrafu ta' Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistipula, fil-każ ta' l-Objettivi 1 u 2, li dawn l-analiżi għandhom jagħmlu distinzjoni bejn allokazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għal reġjuni u żoni li jibbenefikaw minn għajnuna transizzjonali, li dawn l-allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-kriterji li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu u li l-analiżi annwali ta' dawn l-approprjazzjonijiet għandha tkun digressiva sa mill-1 ta' Jannar 2000 u għandha tkun inqas fl-2000 milli fl-1999; billi l-profil ta' l-għajnuna transizzjonali jista' jiġi mfassal għall-ħtiġiet speċifiċi tar-reġjuni individwali, u billi l-Kummissjoni kkunsidrat it-talbiet ta' l-Istati Membri f'dan ir-rigward, filwaqt li jingħata kas ta' l-analiżi annwali tar-riżorsi tal-Fondi Strutturali stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1260/1999;

(5) Billi l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistabbilixxi taħt l-Objettiv 1, programm sabiex jgħin fil-proċess tal-paċi fl-Irlanda ta' Fuq (Paċi) għall-2000 sa l-2004 għall-benefiċċju ta' l-Irlanda ta' Fuq u ż-żoni tal-fruntiera fl-Irlanda taħt l-istess kondizzjonijiet ta' dawk li huma relevanti għall-programm għall-perjodu 1994 sa 1999;

(6) Billi t-tieni subparagrafu ta' Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistabbilixxi taħt l-Objettiv 1, programm ta' assistenza speċjali għall-2000 sa l-2006 għar-reġjuni Svediżi ta' NUTS II li mhumiex koperti bil-lista li hemm refernza għaliha f'Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'Artikolu 2 tal-Protokoll 6 anness għall-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja [4];

(7) Billi d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 1999 tindika l-metodu li l-Kummissjoni sejra tuża sabiex tiddeċiedi l-allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprjazzjonijiet għall-Objettiv 1, bi qbil ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999;

(8) Billi, filwaqt li wieħed għandu jżomm dan il-metodu f'moħħu, il-paragrafu 44(a), (b), (ċ), (e), (f), (h), (i) u (j) tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin ta' l-24 u tal-25 ta' Marzu 1999 stabbilixxa l-ammont relatat ma ċerti każijiet speċifiċi għall-perjodu 2000 sa 2006;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti indikattivi għal kull Stat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Objettiv 1 għall-2000 sa 2006, li jinkludu l-programm ta' Paċi u l-programm speċjali għar-reġjuni Svediżi, għandhom ikunu kif stabbilit f'Anness I.

[1] ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1.
[2] ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 9.
[3] ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 11.
[4] ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 11.

Artikolu 2

L-ammonti indikattivi skond l-Istat Membru u skond is-sena ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għal għajnuna transitorja taħt l-Objettiv 1 għall-2000 sa 2006 għandhom ikunu kif stabbilit f'Anness II.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Monika WULF-MATHIES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006

(miljuni ta' Euro (prezzijiet ta' l-1999))

Stat Membru	Ammont ta' approprjazzjonijiet		
	Reġjuni eliġibbli taht l-Objettiv 1	Programm ta' paċi	Programm speċjali għar-reġjuni Svediżi
Il-Belġju	—	—	—
Id-Danimarka	—	—	—
Il-Ġermanja	19 229	—	—
Il-Greċja	20 961	—	—
Spanja	37 744	—	—
Franza	3 254	—	—
L-Irlanda	1 215	100	—
L-Italja	21 935	—	—
Il-Lussemburgu	—	—	—
L-Olanda	—	—	—
L-Awstrija	261	—	—
Il-Portugall	16 124	—	—
Il-Finlandja	913	—	—
L-Isvezja	372	—	350
Ir-Renju Unit	4 685	400	—
Total	126 693	500	350

ANNESS II

Allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għal għajnuna transitorja għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006

(miljuni ta' EUR (prezzijiet ta' l-1999))

Stat Membru	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	Total
Il-Belġju	105	100	95	95	91	90	49	625
Id-Danimarka	—	—	—	—	—	—	—	—
Il-Ġermanja	122	121	121	120	119	118	8	729
Il-Greċja	—	—	—	—	—	—	—	—
Spanja	78	67	56	45	37	37	32	352
Franza	83	81	79	79	78	76	75	551
L-Irlanda	400	350	300	250	200	150	123	1 773
L-Italja	32	30	28	26	25	24	22	187
Il-Lussemburgu	—	—	—	—	—	—	—	—
L-Olanda	23	21	20	19	18	17	5	123
L-Awstrija	—	—	—	—	—	—	—	—
Il-Portugall	650	640	610	350	300	271	84	2 905
Il-Finlandja	—	—	—	—	—	—	—	—
L-Isvezja	—	—	—	—	—	—	—	—
Ir-Renju Unit	216	204	193	181	166	133	73	1 166
Total	1 709	1 614	1 502	1 165	1 034	916	471	8 411